MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1724/1999/1

**Edward Amato u martu Josette Amato**

**Vs**

**Christopher u Deborah sive Debbie mizzewgin Agius**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi premettew illi huma l-proprjetarji tal-flat numru 4, Mayfair Court, 36, Triq il-Gejza, Swieqi u l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond *garage* u *stores* numru 1 formanti parti mill-istess blokk u sottopost ghall-flat numru 4 tal-atturi;

Premess illi f'Ottubru, 1997 sar hruq fil-fond tal-konvenuti li b'konsegwenza tieghu l-atturi sofrew danni ingenti fil-

proprjeta' taghhom cioe' l-flat numru 4 fuq imsemmi kif jidher mir-rapport tal-Perit Arthur Apap li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala dokument "A" u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-incident u l-konsegwenti danni sofferti mill-atturi huma r-responsabilita' tal-konvenuti;

Premess illi l-konvenuti gew mitluba diversi drabi biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tal-istess incendju, huma baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghaliex:

1. M'ghandhomx il-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni kagunati u hsarat kagunati fil-flat numru 4, Mayfair Court, 36, Triq il-Gejza, Swieqi, proprjeta' tal-atturi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-incendju fuq imsemmi, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat fit-talba precedenti, bl-imghax millum.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Frar, 1999 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 11** tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati stante illi m'huwiex minnu illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li garrbu l-atturi;

2. Illi l-kagun tan-nar li holoq id-danni lill-atturi, kif ukoll lill-konvenuti stess, kien barra mill-kontroll tal-konvenuti u bl-ebda mod dovut ghal xi nuqqas jew traskuragni da parti taghhom;

3. Illi l-konvenuti jirriservaw id-dritt illi jitolbu l-kjamata fil-kawza tal-manifatturi tal-karozza Alfa Romeo, proprjeta’ taghhom, li minnha bdew in-nirien;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal a fol. 18 li bih il-partijiet qablu li dina l-kawza timxi mal-kawza l-ohra fl-ismijiet Ivor Zammit noe vs Christopher Agius et Citaz numru 1249/99 (deciza llum stess);

Rat il-Verbal a fol. 21 li bih il-partijiet qablu li l-Qorti ghandha l-ewwel taghti decizjoni fuq ir-responsabilita’;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jaghmlu dina l-kawza biex il-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni u l-hsarat li huma kkagunaw fil-flat numru 4, Mayfair Court, 36, Triq il-Gejza, Swieqi, proprjeta’ tal-atturi u dana meta l-karozza tal-konvenuti qabdet fil-garage tal-konvenuti li qieghed sottostanti l-flat ta’ l-atturi.

Il-konvenuti qed jissottomettu li huma bl-ebda mod ma kienu responsabbili ghal nar li kkaguna l-hsarat fil-proprjeta’ ta’ l-atturi billi gie determinat (ara Relazzjoni tal-Profs A.Vella) li l-hruq kien ta’ origini accidentali u x’aktarx konness ma hsara fis-sistema elettrika tal-karozza, li x’aktarx kienet tinsab fl-*ignition switch* u li wasslet ghal *“short circuit”*.

## Oneru tal-prova

Ghandu jinghad li f'dana l-kaz huma l-atturi li jridu jippruvaw li dak li huma garrbu kien htija tal-konvenuti u mhux bil-maqlub. L-artikolu 1562 tal-Kap 16, li jitfa' l-priz tal-prova fuq il-kerrej, japplika biss fil-kaz ta' lokazzjoni u ma japplikax fil-kaz fejn nar li jsehh go fond jaghmel hsara go fond iehor, fejn ma hemmx dik ir-relazzjoni bejn sid u kerrej (ara sentenza Antonio Vella vs Emm Attard App 12/7/1976).

F'dan il-kaz ghalhekk japplikaw il-principji kommuni ta' dritt li jinsabu nkorporati fl-artikoli tal-Kodici Civili dwar danni taht it-titolu ta' "Delitti u Kwazi Delitti".

1029. Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara,

**1031. K**ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032. (**1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

## FATTI

Il-konvenut xehed li dak in-nhar ta' l-incident kien mar fil-garaxx, ipprova jistartja l-karozza u sab li dina ma ghamlet l-ebda hoss. Ipprova jdoqq il-horn u lanqas dan ma hadem. Hareg mill-vettura u halla c-cavetta fl-*ignition switch* izda bis-*switch* mitfi. Ha l-karozza tal-mara tieghu biex jaghmel qadja. Il-bieb tal-*garage* kien maghluq izda l-bieb intern kien miftuh. Wasal lura d-dar u x'hin dahal sab lill-mara tghidlu li kien hemm duhhan hiereg minn gol-garaxx. Dahal fil-garaxx mill-bieb intern u ra li fil-

kompartiment tal-passigieri, hdejn l-*isteering wheel* kien hemm duhhan iswed hiereg. Uza pipe biex jitfa l-ilma u jitfi n-nar izda ma rnexxilux. Minhabba d-duhhan kellu jieqaf u cempel il-fire engine li waslet xi nofs siegha tard. Il-gurnata ta' qabel hu kien saq il-karozza izda kien sab diffikolta' biex iqabbad il-magna u kien ikkonkluda li l-batterija kienet waslet biex tinbidel (ara xhieda tal-14 ta' Ottubru, 1997 fol. 88 tal-process Zammit vs Agius).

**Relazzjonijiet ta' l-esperti**

Illi bhala provi gew prodotti r-rapporti li kienu ghamlu l-esperti nominati mill-Magistrat Inkwerenti li kien zamm inkjesta in segwitu ghal dana l-incident.

Skond l-espert forensiku nominat mill-Magistrat inkwierenti, Prof. Alfred J. Vella (ara relazzjoni a fol. 87 et seq) hu tal-fehma illi l-hruq fil-vettura Alfa Romeo kien ta' origini accidentali u x'aktarx konness ma' hsara fis-sistema elettrika tal-karozza, li x'aktarx kienet tinsab fl-*ignition switch* u li wasslet ghal *short circuit* f'din il-parti. Dan is-*short circuit* beda hruq fid-*dashboard* tal-vettura li eventwalment infirex sakemm haraq il-karozza kollha.

Fil-Qorti hu xehed li l-konkluzzjonijiet tieghu huma daqxejn spekolattivi. Qal ukoll (ara fol. 102 fl-ahhar parti ta' l-ewwel paragrafu) "Jigifieri lanqas ghadu l-kaz li nistghu nghidu b'kunfidenza li dak (meta jsib *wires* iwweldjati bhal f'dan il-kaz) kien bil-fors il-kawza tas-*short*" .

L-espert William Cassar Torregiani, bhala origini tal-hruq qal li: "Jidher li l-kawza tal-hruq fil-karozza kien kawza ta' *short circuit*" (fol. 34). Zied jghid li n-nar beda mill-karozza u nfirex mal-merkanzija li kien hemm fil-gnub u fuq gewwa tal-*garage* u wara nfirex ghall-ufficcju (fol. 38 para 5).

L-espert irrimarka li l-konvenut kellu jiehu hsieb li jkollu xi tip ta' *fire extinguisher* la darba fil-garage kein jahzen merkanzija u ufficcju fuq wara tal-*garage*, bhala mezz ta' prekawzjoni kontra l-hruq (fol. 35).

Il-Perit Richard Aquilina ikkostata li fil-garage kien hemm ammont kbir ta' karti (fol. 63). Fil-*garage* il-konvenut kellu merkanzija tan-negozju tieghu u kwantita' kbira ta' karta (Ara Dok a fol. 51 fil-process Zammit vs Agius).

**Ambjent tal-*Garage***

Ghandu jigi rilevat li fejn kien hemm ipparkjata l-karozza tal-konvenut proprjament huwa parti sostanzjali tas-sotteran li jintuza kollu mill-konvenuti. Il-fond fejn l-konvenut kien jipparkja l-karozza ma kienx xi *garage* normali, izda kien fond terran pjuttost imdaqqas konsistenti f'numru ta' kmamar. Ma gemb il-garage kien hemm kamra fejn kien hemm xkaffi bil-karti. Apparti dawn iz-zewg kmamar kien hemm entrata li taghti ghall *"common parts"* tal-blokk ta' appartmenti kif ukoll kmamar ohra. Kif jghid il-konvenut huwa skorrett li wiehed jiddeskrivi dan il-fond bhala *garage* (ara nota ta' sottomissjonijiet fol. 7 ).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuti qed jissottomettu li dan kien kaz ta' *"accident"* u ghalhekk il-konvenut ma jahtix ghal dak li gara lill-atturi.

Illi jirrizulta bhala fatt li n-nar ma tqabadtx dolozament.

Illi l-esperti, bhala l-origini tan-nar, jghidu li x'aktarx kien hemm *short circuit*. Izda dawn l-esperti, l-ebda wiehed minnhom, ma jghid konklussivament li fil-fatt in-nar gara minhabba *short circuit*. Il-Profs Vella xehed kemm hu difficili li wiehed jidentifika ezattament l-origini tan-nar fil-kaz ta' hruq ta' karozza u jghid li l-konkluzzjonijiet tieghu huma daqsxejn spekolativi, u jikkwalifika l-konkluzzjoni tieghu billi jghid li x'aktarx dina kienet konessa mas-sistema elettrika u x'aktarx ma l-*ignition switch*. L-istess jghid l-espert l-iehor William Cassar Torreggiani. Dan jghid li jidher li l-kawza kienet minn *short circuit*.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax tghid definittivament x'ikkawza l-hruq fil-karozza tal-konvenut. Li hu zgur hu li l-hruq gie mill-karozza tal-konvenut, minhabba f'xi *fault* fiha. Il-

konvenut diga kellu indikazzjoni l-gurnata ta’ qabel li l-karozza ma kienitx qed tahdem sew.

Meta n-nar beda hiereg mill-karozza, u l-konvenut fetah il-bieba tal-karozza  n-nar kompla infirex u dak il-mument kien hemm fatturi ohra li ghenu li n-nar biex ikompli jikber u jinfirex.  Kien hemm kwantita’ kbira ta’ karti storjati u materjal iehor; kien hemm il-bieb ghal blokk tal-flats miftuh (ara fol. 83 u 88 xhieda tal-konvenut fil-kawza Zammit vs Agius); il-*fire extinguisher* li gabu l-girien ma kienx jiffunzjona u l-*pipe* ta’ ilma kien ineffettiv.

**Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, positiv jew negativ, tal-bniedem.** Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b’mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-“*bonus pater familias*” (ara sentenza  Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol  37 p 2 p  638).

Fil-kaz in ezami l-Qorti tirravviza negligenza kontributorja da parti tal-konvenut li fil-fatt stiva fil-garage kwantita’ kbira ta’ materjal u oggetti, fosthom materjal kombustibbli, b’mod tali li rrenda difficili li jigi kontrollat in-nar. Kien prevedibbili ghall-konvenut li jigri dak li gara, meta hu kien qed jiggaraxxja l-karozza mhux go garaxx normali imma go sotterran fejn hemm ufficcju u bini fuqu u materjal kombusttibili. Minflok ha l-prekawzjonijiet tal-*bonus pater familias* (l-espert William Cassar Torreggiani indika li f’kaz bhal dan hu konsiljabbli li jkun hemm *fire extinguisher*) hu agixxa b’mod li agevola t-tixrid tan-nar.

Il-htija tal-konvenut hija ghalhekk mhiex li hu kkawza n-nar, izda li kolpozament u negligentement holoq sitwazzjoni li kkontribwiet sewwa biex in-nar facilment inxtered u difficilment setgha jinzamm milli jinxtered b’mod li estenda ghal fondi sovrastanti fejn ikkaguna d-danni li l-atturi qed jirreklamaw.

**DECIZONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni u hsarat kagunati fil-flat numru 4, Mayfair Court, 36, Triq il-Gejza, Swieqi, proprjeta’ tal-atturi.

Il-kawza tibqa’ differita ghall- 11 ta’ Frar, 2004 fid-9.45 am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------